**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**Vs**

**Eugenio Vella**

**Illum 30 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Eugenio Vella ta' sitta u tletin sena (63) sena, iben Anthony Vella u Carmela nee' Farrugia, imwieled is-Siġġiewi nhar il-25 ta' Mejju 1959, residenti ġewwa Sardinella, Triq l-Iskal, Marsaskala u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 349259M, talli b'diversi atti, magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda gewwa dawn il-gżejjer, u cioe talli:

1. Nhar is-26 ta' Settembru, 2021 ikkommetta serq ta' kompressur għad-dannu ta' Andrew Albanozzo, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi is-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin;

2. U aktar talli bejn is-26 ta' Frar 2022 u s-27 ta' Frar 2022 ikkommetta serq ta' karru taz-ziemel għad-dannu ta' Lee Agius, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin;

3. U aktar talli bejn il-05 ta' Marzu 2022 u s-06 ta' Marzu 2022 ikkommetta serq ta' mutur tal-hart, pompa ta' l-ilma, sikka, romblu u karretta għad-dannu ta' Mario Said, Pawlu Said u Domenic Said, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-lok u bil-hin;

4. U aktar talli nhar id-19 ta' April 2022 ikkommetta serq ta' dghajsa għad-dannu ta' Steve Pace, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin;

5. U finalment talli xjentement xtara jew laqa' għandu diversi oġġetti misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li tkun indaħal biex jbiegħhom jew imexxiehom.

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'kaz ta' htija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, armi u / jew għodod oħra li ntużaw waqt id-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex il-Qorti (ii) f'każ ta' ħtija tordna lil Eugenio Vella jħallas id-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia: (i) il-Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) Stqarrija ta' l-imputat - "Dok. "C"; (iv) Personal details form ta' l-imputat - Dok. "D"; (v) Rapport tal-Pulizija datat 6 ta' Marzu 2022 - Dok. "E"; (vi)Rapport tal-Pulizija datat 19 t'April 2022 - Dok. F"; (vii) Rapport tal-Pulizija datat 26 ta' Settembru 2021 - Dok. "G"; u (vii) Rapport tal-Pulizija datat 27 ta' Frar 2022 - Dok. "H";

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża, fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-ħames imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, (1) Nhar is-26 ta' Settembru, 2021 ikkommetta serq ta' kompressur għad-dannu ta' Andrew Albanozzo, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi is-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin; (2) U aktar talli bejn is-26 ta' Frar 2022 u s-27 ta' Frar 2022 ikkommetta serq ta' karru taz-ziemel għad-dannu ta' Lee Agius, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin; (3) U aktar talli bejn il-05 ta' Marzu 2022 u s-06 ta' Marzu 2022 ikkommetta serq ta' mutur tal-hart, pompa ta' l-ilma, sikka, romblu u karretta għad-dannu ta' Mario Said, Pawlu Said u Domenic Said, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet

mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-lok u bil-hin; (4) U aktar talli nhar id-19 ta' April 2022 ikkommetta serq ta' dghajsa għad-dannu ta' Steve Pace, u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bil-hin; (5) U finalment talli xjentement xtara jew laqa' għandu diversi oġġetti misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li tkun indaħal biex jbiegħhom jew imexxiehom.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, minkejja tali ammissjoni, għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta kontrih stante li din hija alternattiva għall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, il-fatt li l-ħames imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li kkoopera mal-Pulizija.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 20, 31, 261(b), (c), (e), (f), 263(a), 267, 269(ċ), 270, 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, issib lill-imputata ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u ir-raba' imputazzjoni dedotti kontrih u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija, iżda peress illi fil-każ in eżami jissussistu ċirkostanzi, senjatament il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri u kkoopera mal-Pulizija, in forza ta' liema tali terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost jiġi sospiż, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tissosspendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum u dana skond u taħt il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Superviżjoni moghti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem sempliċi l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Superviżjoni mogħti llum u anness ma' din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' l-imsemmija

kondizzjonijiet, u cioe' li jekk il-Qorti tkun sodisfatta, meta l-imputat jerġa' jinġieb quddiemha, li huwa jkun naqas milli jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jekk in-nuqqas ikun serju jew ripetut, tordna li s-sentenza sospiża mogħtija llum b'din id-deċiżjoni tibda isseħħ, jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn €232.94.

Kopja ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Toyota Hiace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBZ-607.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Superviżjoni annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**